Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,467, 11 ta' Lulju, 2025
Taqsima B

A.L. 136 tal-2025

ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Annimali f'Żoos

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 7(2) u 8 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Annimali f'Żoos u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Annimali f'Żoos, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 439.29.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali t-tifsira "Direttur" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttur" tfisser id-Direttur responsabbli għat-trattament xieraq tal-annimali u tinkludi, sal-limitu tal-funzjonijiet mogħtija, kwalunkwe uffiċjal pubbliku ħekk awtorizzat mid-Direttur fir-rigward ta' kwalunkwe mill-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti;".